A.L. 127 ta' l-2003

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli ta' l-2003 dwar Tnaqqis ta' Taxxa Addizzjonali (Nuqqasijiet meta jsir Prospett)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 96 u l-inċiż 10(b) ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2003 dwar Tnaqqis ta' Taxxa Addizzjonali (Nuqqasijiet meta jsir Prospett).

(2) Dawn ir-regoli għandhom ikunu japplikaw għar-rigward tas-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar 2003 u s-snin ta' stima sussegwenti.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli:–

"Skeda" tfisser l-Iskeda li tinsab ma' l-Att;

"taxxa addizzjonali" tfisser it-taxxa addizzjonali li għandha titħallas skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 56(12)(ċ) ta' l-Att u d-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda dwar xi nuqqas meta jsir prospett.

Poteri li għandu l-Kummissarju.

3. Il-Kummissarju jista' jaħfer dik il-parti mit-taxxa addizzjonali jew it-taxxa addizzjonali kollha li tkun dovuta xort'oħra skond id-disposizzjonijiet ta' l-Iskeda, skond ma jidhirlu xieraq, sakemm:

(a) il-Kummissarju jista' jimponi bħala kondizzjoni għal tali ħlas lura l-ħtieġa li l-persuna involuta ma taghmel ebda nuqqas ieħor meta tagħmel il-prospett tagħha f'dak il-perjodu li l-Kummissarju jista' jistabbilixxi, kif ukoll dawk il-kondizzjonijiet l-oħra kollha li jista' jqis xierqa;

(b) jekk xi kondizzjoni imposta mill-Kummissarju skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' dawn ir-regoli tiġi miksura mill-persuna involuta, kull tnaqqis ta' taxxa addizzjonali mogħtija mill-Kummissarju b'żjieda ma' kull tnaqqis kontemplat bid-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regoli għandu jiġi konfiskat;

(ċ) jekk il-konfiska tkun hekk dovuta, taħt id-disposizzjonijiet tas-subregola (b) ta' dawn ir-regoli, kull tnaqqis addizzjonali magħmul taħt id-disposizzjonijiet ta' din ir-regola, għandu jitqies bħala li kien sospensjoni tal-passività għal dik it-taxxa addizzjonali, u mhux it-tħassir tat-taxxa addizzjonali rilevanti;

(d) il-Kummissarju għandu jikkomunika bil-miktub lill-persuna involuta kull kwistjoni imposta taħt is-subregola (b) ta' dawn ir-regoli, il-konsegwenzi tal-ksur ta' kull tali kondizzjoni u, jekk dan ikun il-każ, il-fatt li l-konfiska tkun saret.

Appelli.

11. Id-diskrezzjoni tal-Kummissarju għall-iskopijiet ta' dawn ir-regoli ma għandha tiġi kontesta f'ebda appell.